14 ta' Ġunju, 1952.
Imħallef:
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.
Paolo Grixti *versus* Joseph Valentino

**Appoġġ — Dritt Reali Immobiljari.**

*Kwalunkwe ftehim li jirrigwarda dritt ta' appoġġ ma jiswiex jekk ma jkunx sar bil-miktub, anzi b'att publiku; għax konvenzjoni simili għandha bħala oġġett dritt reali immobiljari.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u l-provvedimenti opportuni, peress li b'inkariku tal-konvenut l-attur bena l-fond f'Casal Balzan, Saint Anthony Street, bil-ftehim li, barra l-prezz tal-kostruzzjoni, il-konvenut kellu, bħala rigal, jagħti lill-attur id-dritt illi jpoġġi l-bini tiegħu mal-fond fuq imsemmi mingħajr ebda kumpens għall-istess appoġġ; peress illi l-prezz tal-bini tal-fond fuq imsemmi laħaq is-somma ta' £1452. 16. 8 skond l-annessa stima Dok. 'X', magħmula mill-perit arkitett Louis Mifsud; peress illi fl-imsemmija stima (dok. X) il-perit arkitett Louis Mifsud inkluda l-valur ta' nofs il-ħajt li miegħu l-attur għandu dritt ipoġġi skond il-ftehim fuq imsemmi, u għalhekk, skond l-istess ftehim, il-prezz, ossija kumpens, dovut mill-konvenut lill-attur bħala ħlas għall-inkariku lilu mogħti, jammonta għal £1524. 4. 2; peress illi, akkont ta' l-imsemmi prezz, il-konvenut ħallas is-somma ta' £1416. 16. 0, u għalhekk fadallu jagħti lill-attur il-bilanċ ta' £107. 8. 2; peress illi l-konvenut, interpellat, ma ħallasx l-imsemmi bilanċ; il-konvenut għar-raġunijiet fuq imsemmija jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £107. 8. 2 minnu dovuta, kif fuq intqal, bħala bilanċ tal-prezz tal-kostruzzjoni tal-fond f'Casal Balzan, Saint Anthony Street. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-partijiet irrimettew ruħhom għar-relazzjoni peritali, u l-Qorti ma ssibx raġuni li titbiegħed mill-konklużjonijiet li għalihom wasal il-perit. Anzi, rigward il-kwistjoni ta' l-appoġġ il-Qorti tosserva li, jekk qatt kien hemm ftehim, dan kien imissu sar bil-miktub, anzi b'att publiku, peress li l-pretiża konvenzjoni kellha bħala oġġett dritt reali immobiljari.

Xejn ma jiswa li si tratta ta' relazzjoni bejn il-partijiet biss; għaliex anki f'dan il-każ, skond l-interpretazzjoni ormaj kostanti tal-Qrati Tagħna, hija rikjesta l-formalità ta' l-att publiku (Kollez. Vol. XXVI—I—773);

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, prevja adozzjoni tal-perizja teknika, tiddeċidi billi tirrespinġi d-domanda ta' l-attur. Bl-ispejjeż.